

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 193/2008**tad-29 ta' Frar 2008****li jstabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-pettriċa fiż-żoni VIIIc, IX u X ta' l-ICES; l-ilmijiet tal-KE ta' CECAF 34.1.1 min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jstabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet (stokkijiet) ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità, u għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid ⁽³⁾, jstabbilixxi l-kwoti għall-2008.
- (2) Skond l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdi ta' l-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk, jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2008.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih għandu jiġi pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Għandu jkun ipprojbit li t-tali stokk maqbud minn daww il-bastimenti wara dik id-data jinżamm fuq il-bastimenti, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Frar 2008.

Għall-Kummissjoni

Fokion FOTIADIS

Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi

⁽¹⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p.1).

⁽²⁾ ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11), kif ikkoreġut l-aħħar bil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1.

ANNEX

Nru	01
Stat Membru	Franza
Stokk	ANF/8C3411
Speċi	Petriċa (<i>Lophiidae</i>)
Żona	VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-KE taż-żona CECAF 34.1.1
Data	2.2.2008